MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1226/2007

Bank of Valletta p.l.c.
vs
1. A.K.D. (Holdings) Ltd
2. Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, datat 30 ta' Gunju 1998 (Dok A), u permezz ta' zewg Skritturi Privati datati fit-23 ta' Settembru 1999 u fid-9 t'Awissu 1994 (Dok B u C) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta` A.K.D. (Holdings) Ltd.

2. Illi s-socjeta` rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta` A.K.D. (Holdings) Ltd, fis-somma ta' tmienja u tletin elf tlett mija u hamsa u hamsin Lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm38,355.88) ekwivalenti ghall-disgha u tmenin elf, tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u sbatax-il Ewro centezmi (€89,345.17) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tas-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1" sa "D64") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Ottubru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi permezz ta' skrittura privata u cioe` dik datata fit-12 ta' Mejju 1997 (Dok "E"), l-intimati Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino iggarantew flimkien u "***in solidum***" mas-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess A.K.D. (Holdings) Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati msemmija (u esebiti bhala Dokument "A", "B" u "C" mar-rikors) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited;
(a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess A.K.D. (Holdings) Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

5. Illi r-rikorrent nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

6. Illi l-intimati gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati fis-6 ta' Ottubru 2005 u fl-10 ta' Ottubru 2005 li kopji taghhom gew prezentati mar-rikors u mmarkati Dok "F" u "G", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet, imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u esebiti mar-rikors bhala Dokument "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f'obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess A.K.D. (Holdings) Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil A.K.D. (Holdings) Limited u lil Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino flimkien u "***in solidum***" ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmienja u tletin elf, tliet mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm38,355.88) ekwivalenti ghal disgha u tmenin elf, tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u sbatax-il Ewro centezmi (€89,345.17) bilanc ghad-debitu fl-"***Overdraft Account***" tas-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "D1" sa "D64") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Ottubru 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati fis-6 ta' Ottubru u l-10 ta' Ottubru 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-intimati li gew prezentati kontestwalment mar-rikors u minghajr pregudizzju u bir-riserva ghall-pretensjonijiet ohra tar-rikorrenti kontra l-intimati Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino li gew ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi ma pprezentawx risposta u ghalhekk baqghu kontumaci u ma dehrux ghas-seduta tal-lum u ma deher hadd ghalihom.

Xehdet il-P.L. Francesca Scerri in rapprezentanza tal-Bank of Valletta u ikkonfermat li ma sar l-ebda hlas minn meta gie prezentat ir-rikors guramentat.

## C. KONKLUZJONIJIET:

Illi ghalhekk fuq kontumacja, it-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet, imsemmija fil-kuntratt u l-iskritturi privati fuq imsemmija (u esebiti mar-rikors bhala Dokument “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited (a) naqset milli thallas il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi privati, (b) kienet inadempjenti f’obbligi ohra minnha assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess A.K.D. (Holdings) Limited li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil A.K.D. (Holdings) Limited u lil Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino flimkien u “***in solidum***” ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ disgha u tmenin elf, tliet mija u hamsa u erbghin Ewro u sbatax-il Ewro centezmi (€89,345.17) ekwivalenti ghal tmienja u tletin elf, tliet mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm38,355.88) bilanc ghad-debitu fl-“***Overdraft Account***” tas-socjeta` A.K.D. (Holdings) Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “D1” sa “D64”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Ottubru 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-intimati minghajr pregudizzju u bir-riserva ghall-pretensjonijiet ohra tar-rikorrenti kontra l-intimati Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino li gew ingunti ghas-subizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------